MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2022

Appell Inferjuri Numru 22/2020 LM

**One Fashion Limited (C 25655)**
*('is-soċjetà rikorrenti')*

***vs.***

**NM Fashion Limited (C 83047) u Noel Mifsud (K.I. 550574M)**
*(l-intimati')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **NM Fashion Limited (C 83047)**, minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-28 ta' Frar, 2020 [minn issa 'l quddiem 'il-lodo oriġinali'], u mid-deċiżjoni addizzjonali tal-4 ta' Marzu, 2020 [minn issa 'l quddiem 'il-lodo addizzjonali'], u permezz tal-lodo

oriġinali, it-Tribunal laqa' l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti fis-sens li ddikjara hija kreditriċi tas-soċjetà intimata fis-somma ta' €145,000, filwaqt li ddeċieda li l-intimat Noel Mifsud mhux personalment involut fil-proċeduri, u għalhekk illiberah mill-osservanza tal-ġudizzju. Konsegwentement it-Tribunal ikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas is-somma ta' €145,000 lis-soċjetà rikorrenti, bl-imgħax legali. Din id-deċiżjoni ġiet modifikata permezz tal-lodo addizzjonali tat-Tribunal tal-4 ta' Marzu, 2020, fejn ġie deċiż li l-ammont li kellu jitħallas lis-soċjetà rikorrenti għandu jitnaqqas għas-somma ta' €80,000.

**Fatti**

2. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija kienet qiegħda tipproċedi kontra l-intimati għall-ħlas tas-somma ta' €60,000, parti minn somma akbar ta' €80,000, liema somma kellha titħallas kwantu għal €20,000 sal-31 ta' Jannar, 2019, €20,000 sat-30 ta' April, 2019 u €20,000 sal-31 ta' Lulju, 2019, rappreżentanti l-*goodwill* wara ċ-ċessjoni tad-drittijiet ta' kera favur l-intimati fir-rigward tal-fond kummerċjali numru 3, Bisazza Street, Sliema [minn issa 'il quddiem 'il-fond kummerċjali']. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għall-ftehim bejn il-partijiet, u speċifikament għall-klawsola numru 4.1 li tgħid li kull kontroversja li tista' tinqala' wara l-ftehim iffirmat bejn il-partijiet għandha tiġi riferuta liċ-Ċentru tal-Arbitraġġ.[1]

[1] *"Any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this Agreement, or the breach, termination or invalidity thereof, shall be settled by arbitration in accordance with Part IV (Domestic Arbitation) of the Arbitration Act, 1996 and the Arbitration Rules of the Malta Arbitration Centre as at present in force."*

**Mertu**

3. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li fl-4 ta' Ġunju, 2018 hija kienet iffirmat ftehim ta' ċessjoni tal-kuntratt tal-kera u l-ħlas tal-*goodwill* fir-rigward tal-fond kummerċjali. Spjegat li skont dan il-ftehim, l-intimati huma debituri tagħha fis-somma ta' €80,000, u l-ammont ta' €60,000 għadu dovut lilha mill-imsemmija somma akbar. Spjegat li l-ammont ta' €20,000 kellu jitħallas sal-31 ta' Jannar, 2019, l-ammont ta' €20,000 kellu jitħallas sat-30 ta' April, 2019, u l-ammont ta' €20,000 kellu jitħallas sal-31 ta' Lulju, 2019. Qalet li dan l-ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut, u minkejja diversi interpellazzjonijiet għall-ħlas tal-ammont li għadu dovut lilha, l-intimati baqgħu inadempjenti. Is-soċjetà rikorrenti spjegat ukoll li l-ftehim tal-4 ta' Ġunju, 2018, ġie ffirmat bejn One Fashion Limited rappreżentata minn Tarcisio Vella, u NM Fashion Limited rappreżentata minn Noel Mifsud. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li jekk jinstab li Noel Mifsud aġixxa mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-soċjetà intimata, huwa għandu jinżamm personalment responsabbli għall-ħlas tal-ammont ta' LM60,000, flimkien mas-soċjetà intimata. Is-soċjetà rikorrenti talbet lit-Tribunal jillikwida wkoll l-imgħax kummerċjali mid-data ta' kull ammont rispettiv li kien dovut.

4. L-intimati fir-risposta tagħhom wieġbu li huwa minnu li fl-4 ta' Ġunju, 2018 is-soċjetà NM Fashion Limited iffirmat ftehim ta' ċessjoni ta' kirja mas-soċjetà One Fashion Limited, u li mhux minnu li dan il-ftehim ġie ffirmat minn Noel Mifsud personalment, u għalhekk Noel Mifsud għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. L-intimati qalu li Noel Mifsud kellu awtorità impliċita sabiex jiffirma għas-soċjetà intimata, u dan kien magħruf, rikonoxxut u aċċettat

mis-soċjetà rikorrenti. Qalu wkoll li l-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti mhuwiex l-ammont li huwa legalment u leġittimament dovut.

5. **Tarcisio Vella**, fid-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal xehed li huwa jokkupa l-kariga ta' konsulent mas-soċjetà rikorrenti, u kien personalment involut fil-vertenza bejn il-partijiet. Qal li huwa kien l-*accountant* tal-kumpannija, u kien ingħata permess mid-diretturi tagħha sabiex jiffirma l-kuntratt anness mal-*istatement of claim.* Qal li huwa kien jokkupa ukoll il-kariga ta' direttur meta ġie ffirmat dan il-kuntratt. Ix-xhud spjega li l-kumpannija ċediet il-kirja tal-ħanut li kellha ġewwa tas-Sliema versu l-ħlas ta' €175,000 b'kuntratt tal-4 ta' Ġunju, 2018, u kellu jsir pagament rateali ta' €30,000 mal-iffirmar tal-ftehim, €65,000 kellhom jitħallsu lill-proprjetarji tal-ħanut, u l-bilanċ ta' €80,000 kellu jitħallas f'erba' pagamenti ta' €20,000 kull wieħed, bl-ewwel pagament dovut fil-31 ta' Jannar, 2019, ieħor li kellu jkun dovut fit-30 ta' April, 2019, pagament ieħor dovut fil-31 ta' Lulju, 2019 u pagament ieħor dovut fil-31 ta' Ottubru, 2019. Qal li għal dawn il-pagamenti ħarġu erba' kambjali. Spjega li f'Diċembru tal-2018 huwa kien infurmat mill-*managing director* tal-kumpannija li kien irranġa ma' Noel Mifsud sabiex isir pagament ta' €80,000 fid-29 ta' Jannar, 2019, minflok ma jsiru erba' pagamenti rateali. Kompla jgħid li dan kien ikkonfermat mill-minuti tal-bord tal-kumpannija. Qal li fid-29 ta' Jannar, 2019 huwa kien ċempel lil Noel Mifsud fejn talbu l-ħlas ta' €80,000, u dan kien qallu li ma kienx ser iħallas din is-somma fiż-żmien mifthiem, iżda kien ser iħallas fl-aħħar ta' April 2019. Qal li meta reġa' tkellem ma' Mifsud fl-aħħar ta' April 2019, dan kien beda jitgħajjar u qallu wkoll li huwa ma kien xejn fil-kumpannija. Ix-

xhud qal li s-soċjetà rikorrenti kellha l-obbligi finanzjarji tagħha ma' terzi, u l-aġir tas-soċjetà intimata ħolqilha diversi problemi finanzjarji.

6. **André Chetcuti**, direttur tas-soċjetà rikorrenti u *accountant,* xehed li huwa kien ġie avviċinat mis-soċjetà intimata u kienu saru trattattivi ma' Noel Mifsud. Qal li s-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà intimata kienu ftehmu fuq is-somma ta' €175,000. Qal li dan il-ftehim ma ġiex onorat mis-soċjetà intimata, u minkejja li saru pagamenti akkont tas-somma miftehma, kien għad fadal €80,000 x'jitħallsu mis-soċjetà intimata, u għalhekk kienu saru trattattivi bl-iskop li l-ammont dovut jitħallas kollu sal-aħħar ta' Jannar 2019. Qal li minflok l-ammont intier, kien hemm qbil li s-soċjetà intimata kellha tħallas is-somma ta' €74,000. Ix-xhud qal li din is-somma baqgħet ma tħallsitx. Ix-xhud qal li l-kuntratt ma ġiex iffirmat ma' Mifsud personalment, u l-abbozz tal-kuntratt kien ġie ppreparat minn Mifsud. Qal ukoll li huwa ma jiftakarx x'kien sar mill-kambjali oriġinali meta dawn ġew iffirmati, u oriġinarjament kienu ġew iffirmati erba' kambjali għas-somma totali ta' €80,000, u sussegwentement ġiet iffirmata kambjala oħra ta' €74,000, maħsuba biex tinnewtralizza l-erba' kambjali l-oħra, iżda din kellha titħallas sal-aħħar ta' April, 2019.

7. **Noel Mifsud** fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal qal li huwa ma kienx direttur tas-soċjetà intimata, u l-uniku direttur u azzjonista tas-soċjetà intimata kienet bintu. Qal li l-abbozz tal-ftehim kien ġie redatt minnu, u wara ġie ffirmat mill-partijiet kollha involuti. Ix-xhud qal li l-ftehim oriġinali kien jgħid li l-intimati kellhom iħallsu €175,000, u fit-28 ta' Marzu, 2018 huwa kien ħallas depożitu ta' €10,000. Qal li l-ftehim kien li kellhom jitħallsu €30,000 bħala depożitu, u €145,000 fuq medda ta' sentejn. Qal li huwa ħallas pagamenti oħra fl-ammont

ta' €20,000. Qal li huwa jaf li s-soċjetà rikorrenti kellha tħallas madwar €65,000 lis-sidien, u l-ftehim bejn il-partijiet kien li s-soċjetà intimata kellha taqta' dawn il-€65,000 mill-bilanċ ta' €145,000 li kien dovut. Żied jgħid li l-ftehim bejn il-partijiet kien li l-bilanċ ta' €80,000 kellu jitħallas sal-aħħar ta' Ottubru 2019. Ix-xhud qal li meta hu ffirma l-kambjala ta' €74,000, huwa kien ingħata l-erba' kambjali oriġinali lura. Qal li fl-aħħar ta' April 2019 huwa kien irċieva sekwestru bħala konsenjatarju minn kreditur tas-soċjetà rikorrenti fl-ammont ta' €12,000. Ix-xhud żied jgħid li huwa kellu applikazzjoni mal-Bank of Valletta sabiex is-soċjetà intimata tieħu self, u fil-fatt il-bank kien diġà ħareġ is-*sanction letter,* iżda dan is-self dam ma mmaterjalizza. Kompla jgħid li huwa kien informa lis-soċjetà rikorrenti li l-intimati kienu ser jittardjaw fil-pagament. Qal li André Chetcuti kien infurmah li kellu bżonn kambjala fl-ammont ta' €74,000 indirizzata lill-Bank of Valletta direttament, u li kien għalhekk li huwa kien iffirma din il-kambjala l-ġdida in sostituzzjoni tal-kambjali preċedenti, li ngħatawlu lura. Ix-xhud qal ukoll li l-ftehim bejn il-partijiet ma kienx suġġett għall-kisba ta' self bankarju. Għad-domandi li sarulu in kontro-eżami, ix-xhud qal li qatt ma kien hemm il-ħsieb li huwa jingħata skont ta' €6,000 fuq l-ammont dovut f'każ li jħallas sal-aħħar ta' April 2019. Qal ukoll li l-mandat ta' sekwestru li rċieva kien sabiex iwaqqaf il-pagamenti li huwa kien qiegħed jagħmel lis-soċjetà rikorrenti, u l-mandat intalab minn aġenzija tal-proprjetà. Qal li meta rċieva l-mandat, la ħallas lil One Fashion Limited u lanqas ma ddepożita xi ammont taħt l-awtorità tal-Qorti, u kompla jgħid li huwa ma jafx jekk dan il-mandat sarx f'ismu personalment jew inkella f'isem is-soċjetà intimata.

## Il-Lodo Appellat

8. Permezz tal-lodo mogħti fit-28 ta' Frar, 2020, it-Tribunal iddeċieda li s-soċjetà intimata għandha tħallas l-ammont ta' €145,000 lis-soċjetà rikorrenti stante li hija debitriċi tagħha f'dan l-ammont, illibera lil Noel Mifsud personalment mill-osservanza tal-ġudizzju, u spjega b'liema mod għandhom jitħallsu l-imgħaxijiet legali, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Dan l-arbitraġġ jikkonċerna t-talba tas-soċjetà rikorrenti għall-kundanna tas-soċjetà intimata u ta' Noel Mifsud personalment għall-ħlas lilha allegatament dovut, sa dakinhar tal-preżentata tal-istess proċeduri, abbażi tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet, li kopja tiegħu kien esebit mal-proċeduri bħala Dokument "A", tas-somma ta' Euro 60,000 rappreżentanti bilanċ ta' somma akbar bħala korrispettiv għaċ-ċessjoni tal-ftehim ta' kera mis-soċjetà rikorrenti lill-intimati tal-fond kummerċjali bin-numru 3, Bisazza Street, Sliema.*

*Inoltre s-soċjetà rikorrenti qed titlob illi jiġi dikjarat illi l-intimat Noel Mifsud ma kellux ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tas-soċjetà intimata meta ffirma l-imsemmi ftehim u allura konsegwentement, bħala tielet talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti qed titlob ukoll illi jiġu kkundannati ż-żewġ intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lis-soċjetà rikorrenti dik is-somma hekk likwidata ta' Euro 60,000, bl-imgħax kummerċjali mid-dati tal-ammonti skont kif miftiehma u bl-ispejjeż tal-proċeduri inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li ġie preżentat kontestwalment mal-istess proċeduri.*

*Illi l-intimati kkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti fis-sens illi filwaqt li huwa minnu illi ġie iffirmat il-ftehim imsemmi, mhuwiex minnu illi l-istess ftehim ġie ffirmat minn Noel Mifsud personalment u għalhekk talbu li l-istess Noel Mifsud jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż u dan partikolarment billi l-istess Noel Mifsud kien awtorizzat jiffirma l-imsemmi ftehim għan-nom tas-soċjetà intimata.*

*Inoltre l-istess soċjetà intimata issottomettiet ukoll illi l-ammont mitlub mhux dak li huwa legalment u leġittimament dovut u dan kif sejjer jirriżulta fil-kors tal-proċeduri.*

*Illi nżammu diversi seduti u l-partijiet ingħataw kull opportunità sabiex iressqu l-provi tagħhom kemm verbali kif ukoll dokumentarji u wara li huma lestew dan l-istadju ta'*

*dawn il-proċeduri u għamlu s-sottomissjonijiet legali tagħhom b'mod orali huma awtorizzaw lill-esponenti sabiex jgħaddi għal-Lodo tiegħu.*

*Illi permezz tal-verbal redatt mill-partijiet fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 2020 ġie miftiehem illi, ġialadarba, fil-kors tal-istess proċeduri, iż-żmien kollu għall-pagament, mertu tal-proċeduri, iddekorra, allura l-Arbitru għandu jgħaddi biex, jekk jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, jikkonsidra l-ammont attwalment dovut u ċioe s-somma bilanċjali kollha, wara li jiġu kkonsidrati l-pagamenti magħmula* on account *u ċioe s-somma ta' Euro 30,000, liema somma tħallset anke qabel ma kien għadu biss iffirmat il-ftehim tal-4 ta' Ġunju, 2018 u allura, fi kliem ieħor, flok ma jgħaddi biex jikkonsidra bħala l-ammont in kontestazzjoni li huwa dak ta' Euro 60,000, skont kif mitlub, jgħaddi biex jikkonsidra bħala l-ammont mitlub li huwa dak ta' Euro 145,000.*

*Illi s-soċjetà rikorrenti ssejjes dawn il-proċeduri fuq l-imsemmi ftehim li kopja tiegħu hija esebita mal-i*statement of claim *u ġie markat bħala "Dokument A". Dan id-dokument huwa skrittura privata li tirregolarizza r-relazzjonijiet kummerċjali ta' bejn iż-żewġ soċjetajiet firmatarji tiegħu.*

*Minn eżami tal-istess ftehim ma jirriżulta li hemm ebda persuna fiżika bħala parti tal-istess ftehim. Il-partijiet huma* ***<u>biss</u>*** *il-persuni legali, ossija ONE FASHION LIMITED u NM FASHION LIMITED. Noel Mifsud mhux firmatarju fil-kwalità tiegħu personali.*

*Is-soċjetà intimata, fil-kors tal-proċeduri, ippreżentat riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi tagħha, debitament iffirmata mill-unika direttur tal-istess soċjetà, li tgħid espressament illi Noel Mifsud għandu l-fakoltà jiffirma l-ftehim li huwa l-bażi tal-azzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri.*

*Din l-awtorizzazzjoni ma ġietx b'xi mod imxejna mis-soċjetà rikorrenti, tidher li hija valida, sia pure li hija bla data, u kwindi ma ġietx validament newtralizzata mis-soċjetà rikorrenti, l-Arbitru għandu l-obbligu li jeħodha bħala li hija valida. Kien, se mai, dover tas-soċjetà rikorrenti li xxejjen il-validità tal-istess riżoluzzjoni għax hija hi li qed tallega illi Noel Mifsud iffirma l-ftehim in kwistjoni, għan-nom tas-soċjetà, meta ma kienx hekk validament awtorizzat illi jagħmel.*

*Is-soċjetà rikorrenti falliet illi tipprova din l-allegazzjoni.*

*Huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrana, u ma hemm għalfejn li ssir ebda riferenza għal ebda sentenza tal-qrati tagħna, għax kulħadd jaf illi* ***pacta sunt servanda.*** *Dak li huwa miktub, sakemm ma jmurx dijametrikament kontra l-liġi, huwa <u>il-liġi</u> bejn il-partijiet u għandu jiġi rispettat għax ebda ġudikant, u wisq anqas arbitru, ma għandu d-dritt li jbiddel dak li riedu u ftehmu dwaru l-partijiet.*

*Wara li għamlu l-preamboli tagħhom li jinsabu fil-ftehim il-partijiet ftiehmu illi s-soċjetà intimata għandha tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma hemm indikata ta' Euro 175,000 kwantu għal Euro 30,000 mal-firma ta' dak il-ftehim, kwantu għal Euro 80,000 f'erba' pagamenti ta' Euro 20,000 kull wieħed skont skeda "A" u għal dawn il-pagamenti nħarġu erba' kambjali li kienu jiskadu rispettivament fl-aħħar tax-xhur ta' Jannar, April, Lulju u Ottubru 2019 u kwantu għall-bilanċ ta' Euro 65,000 mingħajr ebda data speċifika però wieħed għandu jiddeżumi, bażat fuq id-diċitura użata fl-imsemmi ftehim, illi dan il-pagament kellu jsir fil-15 ta' Ottubru, 2018.*

*L-unika kundizzjoni riżoluttiva fil-ftehim tidher li hi dik markata bin-numru [3] li tgħid espressament hekk "*this agreement shall not arise should the lessors identified in the lease agreement not approve the making over of the lease, and until such time as the said lessors have established a legal relationship with the prospective lessees."

*Ma nġab l-ebda wieħed mill-proprjetarji tal-fond sabiex jixhed dwar dan l-aspett tal-ftehim, però, kieku kien hemm xi tip ta' kontestazzjoni f'dan is-sens kien doveruż da parte tal-intimati illi jipproduċu tali prova. Anzi kien ikun doveruż għalihom illi jikkontestaw dawn il-proċeduri f'dan ir-rigward.*

*Inoltre jekk wieħed jista' jikkummenta f'dan ir-rigward, u hawn forsi l-Arbitru qed imur oltre l-mansjoni tiegħu, bażat fuq il-fatti, ma rriżultax, lanqas, li kien hemm xi tip ta' kontestazzjoni da parte tal-proprjetarji tal-ħanut għal din iċ-ċessjoni tal-inkwilinat u infatti s-soċjetà intimata tokkupa l-istess kumditajiet, kif jirriżulta fattwalment meta wieħed jgħaddi minn Triq Bisazza, Tas-Sliema.*

*Dan ifisser, għall-Arbitru, illi din il-kondizzjoni riżoluttiva ma avveratx ruħha u kollox mexa kif kien mistenni u mixtieq mill-partijiet.*

*Illi, fil-kors ta' dawn il-proċeduri, saret enfasi kbira fuq il-fatt illi l-ammont bilanċjali ta' Euro 80,000 kien kopert b'erba' kambjali. Imbagħad saret riferenza ukoll għall-fatt illi l-istess kambjali ġew sostitwiti b'kambjala waħda ta' Euro 74,000.*

*Huwa fatt inkontestat illi nħarġu dawn il-ħames kambjali, bl-aħħar waħda, ossia bil-ħames waħda, għall-ammont ta' Euro 74,000 in sostituzzjoni tal-erba' l-oħra fl-ammont ta' Euro 20,000 il-waħda – jingħad, iżda, illi din l-azzjoni mhijiex waħda kambjarja. Tant mhijiex waħda kambjarja illi lanqas ma hemm kontestazzjoni f'dan is-sens. Kieku stess il-forum kompetenti kien ikun il-Qorti Prim'Awla (Sede Kummerċjali) billi arbitraġġ ma jistax jieħu konjizzjoni ta' azzjoni kambjarja.*

*Wieħed għandu jifhem illi r-riferenza għall-kambjali saret bħala prova addizzjonali tal-eżistenza tal-kreditu. Fi kliem ieħor dan il-kreditu ma jirriżultax biss mill-iskrittura*

*Dokument "A" iżda jeżisti ukoll u indipendentement minnha, mill-emissjoni tal-kambjali.*

*Illi ma hemmx dubbju illi l-ammont bilanċjali minn Euro 175,000 (wara li ttieħed in konsiderazzjoni s-somma ta' Euro 30,000 li tħallsu biss qabel ma ġiet iffirmata l-iskrittura tal-4 ta' Ġunju, 2018) għadu ma tħallasx. Dan ġie ammess ukoll mir-rappreżentant tas-soċjetà intimata Noel Mifsud.*

*Illi ġialadarba ma hemm ebda impunjazzjoni tal-iskrittura privata tal-4 ta' Ġunju, 2018, li huwa l-pern tal-azzjoni tar-rikorrenti, allura l-Arbitru għandu jifhem, u hekk qed jagħmel, illi l-partijiet jaqblu li r-relazzjonijiet ta' bejniethom huma regolati BISS mill-effetti tal-iskrittura privata (Dokument "A") – u minn xejn iżjed – u ladarba irriżulta illi l-istess skrittura tirregola r-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet kontraenti u ċioe ż-żewġ soċjetajiet firmatarji u ladarba ma jidhirx li hemm persuna fiżika li hija parti fl-istess skrittura u ladarba jirriżulta illi l-firmatarju tas-soċjetà intimata, Noel Mifsud, kien debitament awtorizzat jiffirma l-istess skrittura għan-nom tas-soċjetà intimata u dan ai termini tar-riżoluzzjoni tal-Bord tad-diretturi tal-istess soċjetà u ladarba l-partijiet kienu awtorizzaw lill-Arbitru sottofirmat sabiex jiddelibera fuq l-ammont kollu dovut lis-soċjetà rikorrenti l-Arbitru jaqta' u jiddeċiedi dawn il-proċeduri billi [1] jgħaddi biex fil-waqt li jilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti isib illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma bilanċjali ta' Euro 145,000, [2] ma isibx illi Noel Mifsud huwa personalment b'xi mod involut f'dawn il-proċeduri billi meta ffirma l-imsemmija skrittura kien debitament awtorizzat sabiex jagħmel hekk, u konsegwentement jilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, [3] jgħaddi biex jikkundanna lill-istess soċjetà intimata sabiex tħallas l-istess somma ta' Euro 145,000 lis-soċjetà rikorrenti, [4] b'dan illi l-imgħax legali għandu jgħaddi b'dan il-mod u ċioe – dejjem bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammonti kollha – u ċioé fuq l-ammont ta' Euro 20,000 mill-31 ta' Jannar, 2019 sal-ġurnata tal-effettiv pagament, fuq ammont identiku mit-30 ta' April, 2019 sal-ġurnata tal-effettiv pagament, fuq ammont identiku mill-31 ta' Lulju, 2018 sal-ġurnata tal-effettiv pagament u fuq l-ammont ta' Euro 65,000 mill-15 ta' Ottubru, 2018 – dejjem sal-ġurnata tal-effettiv pagament.*

*Billi Noel Mifsud ma inkarigax avukat għalih innifsu separatament mis-soċjetà intimata u allura ma inkorriex spejjeż addizzjonali fid-difiża tiegħu għal dawk tas-soċjetà intimata huwa ekwu u ġust illi ċ-ċaħda tat-tieni talba ma tkunx a spejjeż tas-soċjetà rikorrenti billi tiġi assimilata fl-ispejjeż ġenerali ta' dawn il-proċeduri.*

*Is-soċjetà intimata għalhekk għandha tħallas l-ammont hawn fuq indikat bl-imgħax kif indikat u ċioe maqsum; għandha tħallas ukoll l-ispejjeż kollha relatati ma' dawn il-*

*proċeduri skont it-taxxa maħruġa miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dokument ittra A, inkluż dawk tal-mandat ta' sekwestru li ġie preżentat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri."*

Fl-4 ta' Marzu, 2020, it-Tribunal ta l-lodo addizzjonali, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Wara il-preżentata tal-lodo tiegħu l-Arbitru ġie avviċinat miż-żewġ avukati tal-partijiet u irriżulta li meta saret it-talba addizzjonali biex huwa jieħu in konsiderazzjoni s-somma ta' €145,000, bħala s-somma, mertu tal-arbitraġġ, minflok dik imniżżla fl-istess Arbitraġġ, fil-fatt minn dak l-ammont kien għad fadal x'jitħallas biss is-somma ta' €80,000 tmenin elf Euro u mhux dak, kif kien fehem l-Arbitru u li ġie stabbilit fl-istess Lodo.*

*L-Arbitru ra l-artikolu 48(1) tal-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta u jħoss li għandu d-dritt u l-obbligu li jikkoreġi l-iżball riżultanti minħabba dan il-malintiż.*

*Għaldaqstant l-Arbitru, filwaqt li jikkonferma l-Lodo tiegħu in kwantu jirrigwarda l-punti in konsiderazzjoni fil-fatt jikkoreġi l-istess Lodo fis-sens li jillikwida s-somma ta' €80,000 tmenin elf Euro bħala s-somma bilanċjali dovuta lis-soċjetà rikorrenti mill-intimati bl-imgħax mid-dati kif imniżżla fl-istess Lodo u għalhekk tinqata' 'l barra b'mod definittiv kull riferenza għall-ammont ta' €65,000 ħamsa u sittin elf Euro u l-imgħax dekorribbli fuqha kif imsemmi fl-istess Lodo."*

## <u>L-Appell</u>

9. Is-soċjetà intimata NM Fashion Limited ressqet l-appell tagħha mil-lodo arbitrali u mil-lodo addizzjonali fit-22 ta' Ġunju, 2020, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

*"... jogħġobha tannulla d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ tat-28 ta' Frar, 2020 notifikata permezz ta' ittra taċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta tal-4 ta' Marzu, 2020 kif ukoll id-deċiżjoni sussegwenti indikata bħala 'Lodo Addizzjonali' għar-raġuni fuq imfissra u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà rikorrenti appellata."*

10. Is-soċjetà intimata spjegat li hija ħassitha aggravata biż-żewġ deċiżjonijiet tat-Tribunal, u qalet li dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu annullati. Spjegat li l-ewwel deċiżjoni tat-Tribunal hija nulla għaliex l-ammont li hija ġiet ikkundannata tħallas la kien dovut, u lanqas ma kien l-ammont rikjest, u għalhekk tippekka kawża ta' ultrapetizzjoni. Qalet ukoll li t-tiswija li seħħet bis-saħħa tad-deċiżjoni addizzjonali, ma tistax tiġi meqjusa li tinkwadra ruħha fil-parametri tal-artikolu 48(1) tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387), għaliex din it-tiswija la tista' tiġi kkonsidrata bħala żball ta' komputazzjoni u lanqas żball klerikali jew tipografiku. Qalet li l-komputazzjoni kellha tkun riżultat ta' komputazzjoni matematika u l-ammont li hija ġiet ikkundannata tħallas fl-ewwel deċiżjoni (€145,000) ma kienx frott u riżultat ta' żball ta' komputazzjoni jew ta' żball ta' kalkolu matematiku, iżda ta' apprezzament żbaljat ta' talbiet, provi u riżultanzi proċesswali, u għalhekk it-tiswija prevista fl-artikolu 48(1) tal-Kap. 387 ma setgħetx isseħħ.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. Is-soċjetà rikorrenti fir-risposta tagħha wieġbet li s-soċjetà intimata naqset illi ssemmi liema huma l-punti ta' nullità li fuqhom qiegħda tibbaża l-aggravju tagħha, u naqset ukoll milli ġġib provi li ż-żewġ deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal huma nulli u mingħajr effett. Kompliet tgħid li għall-kuntrarju, is-soċjetà appellanti akkwiexxiet li l-ammont ta' €80,000 kien dovut. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għall-artikolu 790 tal-Kap. 12, li jistipula li:

> "Meta quddiem qorti fi grad ta' appell tinġieb 'il quddiem eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza appellata, dik l-eċċezzjoni ma għandhiex tintlaqa' jekk is-sentenza tkun

> ġusta fis-sustanza tagħha, ħlief jekk l-eċċezzjoni tkun ibbażata fuq nuqqas ta’ ġurisdizzjoni jew fuq nuqqas ta’ ċitazzjoni, jew fuq illeġittimità ta’ persuna jew fuq li s-sentenza tal-ewwel qorti hija *extra petita* jew *ultra petita* jew fuq kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta’ smigħ xieraq.”.

Kompliet tgħid li fil-każ odjern, iż-żewġ partijiet fil-kawża ġibdu l-attenzjoni tal-Arbitru dwar l-iżball ta’ komputazzjoni, u konsegwentement l-Arbitru kkorreġa l-*lodo* in linea mat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, b’dan illi ġie stabbilit li s-soċjetà intimata hija debtriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta’ €80,000, u din id-deċiżjoni hija in linea mat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, u għalhekk dan mhux każ fejn id-deċiżjoni hija *ultra petita.* Żiedet tgħid li f’dan il-każ, il-lodo ġie kkorreġut b’lodo addizzjonali, u għalhekk dan mhux każ ta’ ultrapetizzjoni. Is-soċjetà rikorrenti qalet li ladarba ma nstabet l-ebda bażi legali għal liema nullità qiegħda tirreferi għaliha s-soċjetà intimata, u l-ebda prova ma nġabet biex tissostanzja din in-nullità, tenut kont li l-Arbitru kkorreġa u kkonferma s-somma ta’ €80,000, dan l-aggravju għandu jiġi miċħud, stante li l-aggravju tal-ultrapetizzjoni huwa ineżistenti.

12. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għal-lodo addizzjonali tat-Tribunal, u qalet li dan spjega li l-bilanċ li kien għadu dovut lis-soċjetà rikorrenti huwa ta’ €80,000. Qalet li l-Arbitru ikkorreġa l-ewwel lodo tiegħu billi mexa mad-disposizzjonijiet tal-artikolu 48(1) tal-Kap. 387, fejn jingħad li t-talba għat-tiswija fid-deċiżjoni tista’ ssir fi żmien ħmistax mid-data tal-*lodo.* Is-soċjetà rikorrenti qalet li f’dan il-każ kienu għaddew biss ħamest ijiem mid-data tal-ewwel *lodo* sakemm ingħatat id-deċiżjoni addizzjonali, u qalet li għalhekk l-Arbitru mexa mal-parametri stabbiliti fil-liġi.

13. Is-soċjetà rikorrenti kompliet tgħid li l-artikolu 48(1) tal-Kap. 387 jippermetti tiswija ta' żbalji ta' komputazzjoni u ta' żbalji oħra ta' dik l-għamla. Qalet li lilha ma jirriżultalhiex li l-Arbitru għamel apprezzament żbaljat tat-talbiet, tal-provi u tar-riżultanzi proċesswali, u f'dan ir-rigward għamlet riferiment għal dak li xehed Noel Mifsud fejn qal li l-ftehim kien jgħid li t-€80,000 kellhom jitħallsu sal-aħħar ta' Ottubru 2019, u għalhekk din l-ammissjoni għandha tipprevali fuq kull żball ta' komputazzjoni li seta' għamel l-Arbitru. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li t-talba tagħha kienet għal €80,000, u Noel Mifsud kien ammetta li l-ammont ta' €80,000 kien kollu dovut u kellu jitħallas sal-aħħar ta' Ottubru 2019. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment ukoll għax-xhieda ta' Dr Josie Muscat, li fl-*affidavit* tiegħu qal li l-ammont ta' €80,000 ma ġiex ikkontestat. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li bejn il-partijiet kien hemm qbil li l-ammont bilanċjali kien ta' €80,000 u kienu ż-żewġ konsulenti legali tal-partijiet li ġibdu l-attenzjoni tal-Arbitru għall-iżball fil-komputazzjoni. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment ukoll għall-verbal tas-17 ta' Jannar, 2020, fejn il-partijiet qablu li l-Arbitru għandu jirrelata dwar l-ammont intier imsemmi fil-kuntratt ta' bejniethom, u li din kienet ammissjoni oħra li l-ammont ta' €80,000 huwa dovut. L-Arbitru għamel riferiment ukoll għall-fatt li ladarba ma kien hemm l-ebda impunjazzjoni tal-iskrittura privata tal-4 ta' Ġunju, 2018, dan kien ifisser li r-relazzjonijiet ta' bejn il-partijiet kellhom ikunu regolati biss mill-effetti ta' din l-iskrittura. Is-soċjetà rikorrenti kompliet tgħid li l-aggravju tas-soċjetà intimata huwa null stante li l-Kap. 387 tal-Liġijiet ta' Malta ma jippermettix li jsiru appelli minn *lodo* fuq punti ta' fatt, iżda fuq punti ta' liġi, u s-soċjetà rikorrenti ma identifikat l-ebda punt ta' liġi li għandha tittieħed deċiżjoni dwaru, u lanqas ma speċifikat liema hija t-tifsira korretta tal-punt ta' liġi identifikat.

Qalet ukoll li huwa biss f'arbitraġġi mandatorji li parti fi proċeduri arbitrali għandha jedd tappella fuq punti ta' fatt kif ukoll fuq punti ta' liġi.

14. Is-soċjetà rikorrenti spjegat ukoll li minkejja li l-Arbitru ħa żball fil-komputazzjoni tas-somma dovuta mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti, jibqa' il-fatt li s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti skont il-ftehim imsemmi li daħlu għalih il-partijiet minn jeddhom. Is-soċjetà rikorrenti qalet li għalhekk l-iżball fattwali fil-komputazzjoni tal-Arbitru m'għandux iwassal għan-nullità tal-*lodo* oriġinali u tal-*lodo* addizzjonali, u dan fid-dawl tal-fatt li l-partijiet mill-ewwel ġibdu l-attenzjoni tal-Arbitru, u l-Arbitru sewwa l-iżball fil-komputazzjoni tiegħu f'qasir żmien.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

15. Is-soċjetà rikorrenti, fl-appell inċidentali tagħha qalet li hija ma taqbilx mal-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal li ma sabitx lil Noel Mifsud personalment responsabbli għas-somma dovuta, u konsegwentement illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju. Is-soċjetà rikorrenti qalet li Noel Mifsud għandu jinżamm personalment responsabbli, flimkien mas-soċjetà intimata, għaliex meta ffirma l-iskrittura in kwistjoni huwa ma kellux ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-kumpannija, u lanqas ma kien debitament awtorizzat sabiex jiffirma permezz ta' riżoluzzjoni formalment u statutorjament maħruġa skont il-*memorandum and articles* tal-kumpannija NM Fashion Limited. Is-soċjetà rikorrenti għamlet riferiment għall-klawsola numru 10 tal-*memorandum and articles,* u qalet li skont din il-klawsola n-nomina ta' rappreżentant ġudizzjarju

għandha ssir b'mod mandatorju mhux biss *subject to such conditions,* iżda wkoll *for such period.* Qalet li r-riżoluzzjoni prreżentata fl-atti ma ġġib l-ebda data u għalhekk hija nieqsa minn rekwiżit essenzjali, u b'hekk wieħed ma jistax jasal għal konklużjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li din ir-riżoluzzjoni kienet teżisti meta Noel Mifsud iffirma għan-nom tas-soċjetà intimata. Is-soċjetà rikorrenti qalet li fil-kontro-eżami li sar lil Noel Mifsud, dan ammetta li r-riżoluzzjoni ma ġietx iffirmata mill-firmatarji tal-ftehim u lanqas ma għandha data fuqha. Fis-seduta tat-28 ta' Novembru, 2019, Tarcisio Vella kien xehed li Noel Mifsud lilu qatt ma urieh xi riżoluzzjoni tal-kumpannija tiegħu li biha huwa ġie awtotizzat jidher għaliha. Is-soċjetà rikorrenti qalet li minkejja li fir-risposta tas-soċjetà intimata ngħad li Noel Mifsud kellu l-awtorità impliċita biex jiffirma għaliha, u dan kien fatt magħruf u rikonoxxut, matul il-proċeduri ma ngabet l-ebda prova ta' dan għajr għal kopja tar-riżoluzzjoni mingħajr data.

16. It-tieni aggravju sollevat mis-soċjetà rikorrenti huwa li mill-proċess ma jirriżultax li s-soċjetà intimata qatt awtorizzat lil Noel Mifsud sabiex jidher f'isimha, iżda kien Noel Mifsud li arroga dan il-poter għalih innifsu. Qalet li isem Noel Mifsud ma jidher imkien fil-*memorandum and articles* tal-kumpannija, u Mifsud lanqas ma ppreżenta kopja tar-riżoluzzjoni tas-soċjetà intimata li tawtorizzah jidher fuq l-iskrittura f'isimha a tenur tal-klawsola 10 tal-*memorandum* u l-klawsola 55 tal-*articles.* Kompliet tgħid li minkejja li Noel Mifsud fil-kontro-eżami li sarlu fis-17 ta' Jannar, 2020, kien xehed li huwa ma kienx direttur tad-soċjetà intimata, iżda kien hemm riżoluzzjoni tal-Bord sabiex huwa jkun jista' jidher f'isimha, huwa naqas milli jippreżenta kopja tar-riżoluzzjoni li tawtorizzah jidher għas-soċjetà intimata. Qalet ukoll li in vista ta'

dan in-nuqqas ta' rappreżentanza ġuridika formali tas-soċjetà intimata, is-soċjetà intimata m'għamlet l-ebda difiża għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, u għalhekk dan ifisser li Noel Mifsud għandu jassumi responsabbilità għat-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti, flimkien mas-soċjetà intimata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

17. Il-Qorti sejra tikkonsidra l-aggravji sollevati mis-soċjetà intimata u mis-soċjetà rikorrenti, u dan fid-dawl tar-risposti ntavolati mill-partijiet, u anki tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mit-Tribunal fil-lodo oriġinali u fil-lodo addizzjonali, u fil-kuntest ta' dak li jemerġi mill-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proċeduri.

*L-aggravju fl-appell ewlieni:* *[dwar in-nullità tal-lodo oriġinali u tal-lodo addizzjonali]*

18. Is-soċjetà intimata tgħid li kemm il-*lodo* arbitrali kif ukoll il-*lodo* addizzjonali, huma nulli. Spjegat li fl-ewwel *lodo* ġiet likwidata somma li la kien dovuta u lanqas ma kienet mitlubha, u għalhekk hawn jippekka minn kawża ta' ultrapetizzjoni. Kompliet tgħid li l-Arbitru ma setax jikkorreġi l-*lodo* arbitrali permezz ta' *lodo* addizzjonali, u dan għaliex tali tiswija ma tinkwadrax fil-parametri tal-artikolu 48(1) tal-Kap. 387, stante li hawn m'hawn l-ebda żball ta' komputazzjoni u lanqas żball klerikali jew tipografiku. Kompliet tgħid li l-likwidazzjoni oriġinali magħmula mill-Arbitru fis-somma ta' €145,000 mhijiex riżultat ta' żball matematiku, iżda hija riżultat ta' apprezzament żbaljat ta'

talbiet, provi u riżultanzi proċesswali, u għalhekk is-somma likwidata ma setgħetx tiġi kkorreġuta.

19. Il-Qorti tqis li t-talba oriġinali tas-soċjetà rikorrenti kienet fis-somma ta' €60,000, u dan għaliex dakinhar li nbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal, l-aħħar pagament ta' €20,000 li kellu jsir mis-soċjetà intimata lis-soċjetà rikorrenti sal-aħħar ta' Ottubru 2019, kien għadu mhuwiex dovut. Il-bilanċ pendenti qabel inbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal kien ta' €80,000, li kellhom jitħallsu ratealment. Il-proċeduri quddiem it-Tribunal inbdew f'Awwissu tal-2019, u għalhekk sa dakinhar is-somma ta' €80,000 kienet għadha mhijiex dovuta kollha kemm hi, iżda kienet dovuta biss is-somma ta' €60,000. Jirriżulta li fi stadju pjuttost avvanzat tal-proċeduri, il-partijiet infurmaw lill-Arbitru li ladarba kien hemm ammont dovut li minnu kien għadu ma tħallas xejn, l-Arbitru kellu jikkonsidra l-ammont kollu li kellu jitħallas lis-soċjetà rikorrenti mis-soċjetà intimata, u mhux biss dak li kien dovut sa meta inbdew il-proċeduri quddiemu. Jirriżulta wkoll li l-ammont oriġinarjament miftiehem mill-partijiet kien ta' €175,000, u mill-provi prodotti jirriżulta li minnhom tħallsu €30,000 qabel inbdew il-proċeduri quddiem it-Tribunal. Madanakollu l-ebda waħda mill-partijiet ma speċifikat li l-proċeduri odjerni kienu qegħdin jiġu limitati għas-somma ta' €80,000, li għalihom is-soċjetà intimata oriġinarjament kienet ħarġet erba' kambjali ta' €20,000 -il waħda. L-Arbitru fil-*lodo* tiegħu ikkonsidra li s-somma ta' €65,000, jiġifieri d-differenza bejn €145,000 u €80,000, ma kienet ġiet speċifikata l-ebda data sa meta kellha titħallas, iżda din is-somma x'aktarx li kellha titħallas sal-15 ta' Ottubru, 2018. Fi kwalunkwe każ ma jirriżultax li din is-somma ta' €65,000 kellha tifforma parti mit-talba tas-soċjetà rikorrenti,

minkejja li dan ma ġiex ivverbalizzat u ċċarat mill-partijiet. Mill-provi prodotti jirriżulta li t-talba tas-soċjetà rikorrenti kienet dejjem limitata għas-somma li kellha titħallas ratealment, jiġifieri dak l-ammont li kien kopert permezz ta' numru ta' kambjali li nħarġu mis-soċjetà intimata favur is-soċjetà rikorrenti. Għal xi raġuni però, l-Arbitru fid-deċiżjoni oriġinali tiegħu, wasal għall-konklużjoni evidentement żbaljata, li l-bilanċ dovut kellu jkun ta' €145,000 u mhux ta' €80,000. Kien wara li ngħata l-*lodo* oriġinali, li ż-żewġ partijiet ġibdu l-attenzjoni tal-Arbitru għall-fatt li l-ammont likwidat ma kienx korrett, u ħamest ijiem biss wara l-Arbitru ta *lodo* ieħor, li permezz tiegħu kkorreġa l-ammont li kellu jitħallas lis-soċjetà rikorrenti.

20. Il-Qorti, wara li kkonsidrat dan kollu, hija tal-fehma li għandha tastjeni milli tippronunzja ruħha dwar jekk il-*lodo* arbitrali oriġinarjament mogħti mill-Arbitru huwiex null jew le, għaliex fi kwalunkwe każ dak il-*lodo* ġie sorvolat bil-*lodo* addizzjonali li ġie mogħti mill-Arbitru. Il-partijiet u l-Arbitru lkoll jaqblu li l-mertu tat-talba tas-soċjetà rikorrenti ma kienx fis-somma ta' €145,000, imma fis-somma ta' €80,000, li kellhom jitħallsu ratealment. Kien ċar għall-partijiet kollha, inkluż l-Arbitru, li l-kwistjoni quddiem it-Tribunal dejjem kienet għall-bilanċ li kellu jitħallas ratealment, u għall-ebda somma oħra li ssemmiet mill-partijiet. Il-Qorti tqis li hija għal kollox vessatorja t-talba tas-soċjetà intimata li fl-ewwel aggravju tagħha qiegħda titlob lil din il-Qorti tippronunzja ruħha dwar in-nullità o meno tal-*lodo* oriġinali, u dan għaliex bejn il-partijiet kien hemm qbil li dan il-*lodo* ma kienx korrett u li kellu jiġi kkorreġut. Din il-Qorti tqis li lanqas m'hemm għalfejn li hija tippronunzja ruħha dwar jekk fl-ewwel *lodo* mogħti hemmx każ ta' ultrapetizzjoni, għaliex hekk kif ġie stabbilit li kien sar dak l-iżball,

dan ġie indirizzat mill-partijiet involuti u mill-Arbitru. Huwa għal kollox inkongruwu li s-soċjetà intimata l-ewwel qablet li l-*lodo* għandu jiġi kkorreġut u ġibdet l-attenzjoni tal-Arbitru għal dan flimkien mas-soċjetà rikorrenti, u issa qiegħda tinqeda bil-proċeduri tal-appell sabiex tittenta tikseb dikjarazzjoni li l-*lodo* mogħti oriġinarjament kien jeżorbita t-talba tas-soċjetà rikorrenti.

21. Jifdal għalhekk li l-Qorti tikkonsidra jekk l-Arbitru kienx korrett jagħmel riferiment għall-artikolu 48(1) tal-Kap. 387, biex jikkorreġi d-deċiżjoni mogħtija minnu oriġinarjament. L-artikolu 48(1) tal-Kap. 387 jipprovdi illi:

> "Fi żmien ħmistax-il jum minn meta taslilhom id-deċiżjoni, kull parti, wara li tagħti avviż ta' dan lill-parti l-oħra, tista' titlob lit-tribunal tal-arbitraġġ li jsewwi fid-deċiżjoni xi żbalji ta' komputazzjoni, żbalji klerikali jew tipografiċi, jew żbalji oħra ta' dik l-għamla."

22. Is-soċjetà intimata tinsisti li l-likwidazzjoni oriġinali li wasal għaliha t-Tribunal ma kinitx waħda korretta, mhux għaliex kien hemm xi żball fil-komputazzjoni, imma għaliex it-Tribunal m'għamilx apprezzament korrett tal-provi u tal-fatti li kellu quddiemu. Din il-Qorti tqis li hawn ma jistax jintqal li l-Arbitru naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-fatti jew tal-provi, għaliex kien ċar sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri, li l-ammont in kontestazzjoni kien dak li kien kopert bil-kambjali. It-talba oriġinali kienet għas-somma ta' €60,000, u jirriżulta li kien hemm kambjala waħda li kellha tkopri l-ħlasijiet rateali kollha għas-somma ta' €74,000, u s-somma attwalment dovuta kienet ta' €80,000. Għall-Qorti huwa ċar li l-Arbitru għamel komputazzjoni żbaljata meta fil-kalkoli tiegħu inkluda l-€65,000 li kienu diġà tħallsu, u li qatt ma kien hemm kontestazzjoni dwarhom mill-partijiet. Li l-Arbitru għamel żball fil-

komputazzjoni tiegħu, jirriżulta wkoll mill-fatt li l-Arbitru nnifsu, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu spjega li l-ammont ta' €65,000 kienu tħallsu sal-15 ta' Ottubru, 2018, u għalhekk kien ċar anki għalih li dan l-ammont ma kellux jittieħed in konsiderazzjoni. In vista tad-diversi ammissjonijiet li saru da parti tas-soċjetà intimata li l-ammont dovut minnha kien għadu ma tħallasx, il-Qorti hija tal-fehma li tkun qiegħda ssir inġustizzja u tkun qiegħda tittieħed deċiżjoni li mhijiex ekwitattiva, li kellha taċċetta dak li qegħda tikkontendi s-soċjetà intimata li dak li seħħ ma kienx żball ta' komputazzjoni. Dan għaliex l-Arbitru nnifsu, fil-konsiderazzjonijiet tiegħu spjega li l-€65,000 kienu tħallsu qabel inbdew dawn il-proċeduri, kif ukoll f'parti oħra tal-konsiderazzjonijiet tiegħu spjega li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet regolata biss mill-ftehim li kien intleħaq bejniethom, fejn kien stipulat li l-bilanċ pendenti kien fis-somma ta' €80,000, u b'liema mod kellu jitħallas. Għaldaqstant, u in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li l-aggravju sollevat mis-soċjetà intimata fir-rikors tal-appell tagħha mhuwiex ġustifikat u tiċħdu.

*L-appell inċidentali:* *[dwar ir-responsabbilità personali ta' Noel Mifsud]*

23. Is-soċjetà intimata hija tal-fehma li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li Noel Mifsud għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex huwa ffirma l-ftehim bħala rappreżentant tas-soċjetà intimata, u ma kienx qiegħed jaġixxi f'ismu personali. Is-soċjetà intimata tagħmel riferiment għall-klawsola numru 10 tal-*memorandum and articles of association* tas-soċjetà intimata, li testwalment tgħid li: "[s]*ubject and pursuant to the above, the Company may appoint any person to be the Attorney of the Company and with such powers,*

*authorities and discretion and for such period and subject to such conditions as it may deem fit."* Kompliet tgħid li l-kopja tar-riżoluzzjoni ppreżentata fl-atti ma ġġib l-ebda data, u għalhekk wieħed ma jistax jikkonkludi li din ir-riżoluzzjoni kienet teżisti fil-mument meta Noel Mifsud iffirma l-ftehim għan-nom tas-soċjetà intimata.

24. Mill-atti fil-fatt jirriżulta li Noel Mifsud deher fuq il-ftehim tal-4 ta' Ġunju, 2018 wara li ddikjara li kien qiegħed jidher għan-nom ta' NM Fashion Limited. Tarcisio Vella fix-xhieda tiegħu spjega li huwa dejjem kien taħt l-impressjoni li Noel Mifsud kien direttur tas-soċjetà intimata, u dan ix-xhud qal ukoll li huwa qatt ma ra l-kopja tar-riżoluzzjoni li permezz tagħha Noel Mifsud ġie maħtur rappreżentant legali tas-soċjetà intimata. Fl-atti ġiet ippreżentata kopja tar-riżoluzzjoni tal-Bord ta' NM Fashion Limited, li tgħid hekk, "[*i]t is hereby being resolved that Noel Mifsud, holder of identity card number 550574(M) and residing ... [omissis] shall be appearing on behalf of NM Fashion Ltd. for all intents and purposes in relation to the aforementioned make over."* Dan ifisser li l-intimat Noel Mifsud ingħata l-mandat li jidher għan-nom ta' NM Fashion Limited għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-kirja tal-fond in kwistjoni, anki jekk il-*memorandum and articles of association* tas-soċjetà intimata esebiti fl-atti ma jispeċifikawx minn meta kellha tibda tgħodd il-ħatra tiegħu bħala rappreżentant ġudizzjarju tas-soċjetà intimata. Il-kopja tar-riżoluzzjoni msemmija għandha titqies bħala l-awtorizzazzjoni ta' Mifsud sabiex jidher għan-nom tas-soċjetà intimata għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-kirja tal-ħanut mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan ifisser li t-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li Noel Mifsud għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju, għaliex jirriżulta li

huwa kien qiegħed jidher fuq il-ftehim biss bħala rappreżentant tas-soċjetà intimata, u mhux fil-kapaċità tiegħu personali.

25. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi l-ewwel aggravju fl-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti mhuwiex mistħoqq u tiċħdu. Fl-istess waqt il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni aggravju fl-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti, ladarba ġie stabbilit li Noel Mifsud deher fil-vesti rappreżentattiva tiegħu u mhux f'ismu personali.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti filwaqt li qiegħda tiddeċiedi l-appell ewlieni tas-soċjetà intimata billi tiċħad l-aggravju sollevat minnha, qiegħda ukoll tiddeċiedi l-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti billi tiċħad l-aggravji sollevati minnha, u konsegwentement qiegħda tikkonferma l-*lodo* arbitrali kif korrett bil-lodo addizzjonali.**

**Spejjeż ta' dan l-appell jinqasmu kwantu għal nofs is-soċjetà intimata u nofs is-soċjetà rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**